

REGOLAMENT (KE) Nru 298/2008 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Marzu 2008

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1829/2003 dwar ikel u għalf ġenetikament modifikat fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 37, 95 u 152(4)(b) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ⁽²⁾,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ jipprovdi li ċerti miżuri għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistipula l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni ⁽⁴⁾.
- (2) Id-Deċiżjoni 1999/468/KE ġiet emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE, li introduċiet il-proċedura regolatorja bi skrutinju għall-adozzjoni ta' miżuri ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali imfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' att bażiku, adottati skond il-proċedura taħt l-Artikolu 251 tat-Trattat, *inter alia* billi jiġu mħassra xi wħud minn dawk l-elementi jew billi jissupplimentaw l-istrument b'elementi ġodda mhux essenzjali.
- (3) Skond id-dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ⁽⁵⁾ dwar id-Deċiżjoni 2006/512/KE, sabiex il-proċedura regolatorja bi skrutinju tkun applikabbli għal strumenti diġà fis-seħħ adottati skond il-proċedura taħt l-Artikolu 251 tat-Trattat, dawk l-istrumenti għandhom jiġu aġġustati skond il-proċeduri applikabbli.
- (4) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tiddefinixxi jekk tip ta' ikel jew għalf jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 u li tbaxxi l-limiti għall-ittikkettjar tal-preżenza aċċidentali jew teknikament inevitabbli ta' materjal li jkollu fih, jikkonsisti minn jew ikun prodott ta' organiżmi ġenetikament modifikati, u kif ukoll tal-preżenza aċċidentali jew teknikament inevitabbli ta' materjal ġenetikament modifikat li bbenefika minn eżami favorevoli tar-riskju fl-ikel u l-għalf, u sabiex tadotta miżuri li jirrigwardaw ċertu rekwiżiti fuq operaturi u caterers tal-massa ta' ittikkettjar u informazzjoni. Peress illi dawn il-miżuri għandhom kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma maħsuba li jemendaw l-elementi mhux essenzjali tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, *inter alia* billi jissupplimentaw b'elementi ġodda mhux essenzjali, dawn għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju taħt l-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.
- (5) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 għandu jiġi hekk emendat,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi

Ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 huwa b'dan emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 3, paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Fejn meħtieġ, miżuri mfassla sabiex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jissupplimentaw u li jiddeterminaw jekk tip ta' ikel jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din it-Taqsima, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 35(3).";

2. Fl-Artikolu 12, paragrafu 4 għandu jkun sostitwit b'dan li ġej:

"4. Miżuri, maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jissupplimentaw u li jstabbilixxu limiti xierqa aktar baxxib'mod partikolari fir-rigward ta' ikel li għandu fih jew jikkonsisti minn GMOs, jew li jieħdu kont ta' avvanzi fix-xjenza u t-teknoloġija għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 35(3).";

⁽¹⁾ ĠU C 161, 13.7.2007, p. 45.

⁽²⁾ L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Novembru 2007 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-3 ta' Marzu 2008.

⁽³⁾ ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1981/2006 (ĠU L 368, 23.12.2006, p. 99).

⁽⁴⁾ ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

⁽⁵⁾ ĠU C 255, 21.10.2006, p. 1.

3. L-Artikolu 14 għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 14

Miżuri ta' implimentazzjoni

1. Il-miżuri li ġejjin jistgħu jiġu adottati mill-Kummissjoni:

— il-miżuri meħtieġa biex l-operaturi jissodisfaw lill-awtoritajiet kompetenti kif imsemmi fl-Artikolu 12(3);

— il-miżuri meħtieġa biex l-operaturi jkunu konformi mar-rekwiżiti tat-tikkettar stipulati fl-Artikolu 13;

— regoli speċifiċi li jikkonċernaw l-informazzjoni li għandha tingħata mill-caterers tal-massa li jipprovdu l-ikel lill-konsumatur aħħari. Sabiex tkun ikkunsidrata s-sitwazzjoni speċifika tal-caterers tal-massa, regoli bħal dawn jistgħu jipprovdu għall-adattament tar-rekwiżiti ta' l-Artikolu 13(1)(e).

Dawk il-miżuri, maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, *inter alia* billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 35(3).

2. Barra minn hekk, regoli ddettaljati biex tkun iffaċilitata l-applikazzjoni uniformi ta' l-Artikolu 13 jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 35(2).”;

4. Fl-Artikolu 15, paragrafu 2 għandu jkun sostitwit b'dan li ġej:

“2. Fejn meħtieġ, miżuri mfassla sabiex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jissupplimentawh u li jiddeterminaw jekk tip ta' għalf jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din it-Taqsima, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 35(3).”;

5. Fl-Artikolu 24, paragrafu 4 għandu jkun sostitwit b'dan li ġej:

“4. Miżuri mfassla sabiex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jissupplimentawh u li jstabbilixxu limiti xierqa aktar baxxi b'mod partikolari għal għalf li għandu fih jew jikkonsisti minn GMOs, jew li jieħdu kont ta' l-avvanzi fix-xjenza u t-teknoloġija għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 35(3).”;

6. L-Artikolu 26 għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 26

Miżuri ta' implimentazzjoni

1. Il-miżuri li ġejjin jistgħu jiġu adottati mill-Kummissjoni:

— il-miżuri meħtieġa biex l-operaturi jissodisfaw lill-awtoritajiet kompetenti kif imsemmi fl-Artikolu 24(3);

— il-miżuri meħtieġa biex l-operaturi jkunu konformi mar-rekwiżiti tat-tikkettar stipulati fl-Artikolu 25.

Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament *inter alia* billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 35(3).

2. Barra minn hekk, regoli ddettaljati biex tkun iffaċilitata l-applikazzjoni uniformi ta' l-Artikolu 25 jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 35(2).”;

7. Fl-Artikolu 32, il-paragrafu 5 għandu jkun sostitwit b'dan li ġej:

“Regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu u l-Anness jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 35(2).”;

Miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament u li jadattaw l-Anness għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 35(3).”;

8. Fl-Artikolu 35, paragrafu 3 għandu jkun sostitwit b'dan li ġej:

“3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.”;

9. Fl-Artikolu 47, il-paragrafu 3 għandu jkun sostitwit b'dan li ġej:

“3. Miżuri mfassla sabiex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jissupplimentawh u li jbaxxu l-limiti msemmija fil-paragrafu 1, b'mod partikolari għal GMOs mibjugħa direttament lill-konsumatur finali għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 35(3).”;

*Artikolu 2***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil- jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburg, 11 ta' Marzu 2008.

Għall-Parlament Ewropew
Il-President
H.-G. PÖTTERING

Għall-Kunsill
Il-President
J. LENARČIČ
